MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2000/2003

**Frances Napier**

**Vs**

**Patrica u Richard konjugi Attard**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm640.00c (sitt mija u erbghin lira Maltin), jew somma ohra verjuri, rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuti ghal xiri ta' oggetti, ossia mobbli, minghand l-attrici, liema oggetti gew debitament lilhom ikkonsenjati u minnhom mhux imhallsa.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm640.00c (sitt mija u erbghin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------